*Culpa In Eligendo; Interess Guridiku; Danni;*
*Artikolu 1037 tal-Kodici Civili*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Ottubru, 2017**

**Numru 6**

**Rikors Numru 170/06 TA**

**Charles Camilleri**

**vs**

**Peter Zammit, Nathan Mallia u Toyland Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-atturi pprezentat fit-3 ta' Marzu 2006 u mahluf minn Charles Camilleri fl-istess data li permezz tieghu talab is-segwenti:-

"1. Illi l-attur kien il-proprjetarju ta' truck tal-ghamla Astra li kien jinsab ipparkeggjat gewwa bitha maghluqa fi Triq il-Fortizza, Mosta;

2. U peress illi nhar il-10 ta' Awissu tas-sena 2005, il-konvenut Nathan Mallia li jahdem ma' Toyland Limited gie mqabbad minn Peter Zammit u jew minn Toyland Limited sabiex jahraq materjal kombustibbli gewwa tank tal-hadid li kien jinsab vicin il-bitha fejn kien hemm l-imsemmi truck tal-attur;

3. Illi per konsegwenza tan-nar li tqabbad fl-imsemmi tank, beda jtir il-gamar li spiccaw fuq it-truck li nhakem bin-nar u spicca biex inqered ghal kollox kif jirrizulta minn rapport tal-pulizija hawn anness markat Dok A u kif ukoll minn compact discs hawn anness markat Dok B;

4. Illi ghalkemm interpellati diversi drabi, il-konvenuti naqqsu biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom kagonati fit-truck in kwistjoni.

Ghaldaqstant l-attur jitlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghall-hsarat kagonati fit-truck tal-attur per konsegwenza tal-hruq li tqabbad;

2. Tillikwida d-danni kawzati okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur l-ammont ta' hsarat hekk kif likwidat minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' mandat ta' sekwestru datat 22 ta' Frar 2006 u bl-imghaxijiet skond il-ligi kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-konvenuti Peter Zammit, Nathan Mallia u Toyland Limited (C 19649) prezentata fil-15 ta' Dicembru 2006 u mahlufa fl-istess data minn Joseph Zammit ghan-nom tas-socjetà Toyland Limited li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

"(1) Illi d-domandi attrici fil-konfront ta' tlett intimati huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Charles Camilleri stante illi ghall-incendju u ghall-allegati danni sofferti mir-rikorrent Camilleri in segwitu ghall-istess l-ebda wiehed mill-intimati ma kien responsabbli kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

(2) Ghaldaqstant m'hemm l-ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti li ghall-istess ragunijiet m'ghandhom jigu kkundannati jhallsu l-ebda ammont lill-istess Charles Camilleri.

(3) Salv kull eccezzjoni ulterjuri."

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-30 ta' Mejju 2017 fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Il-fatti li jsawru dawn il-proceduri jikkoncernaw Truck Astra li fl-10 ta' Awwissu 2005 kien ipparkeggjat go bitha fi Triq il-Fortizza Mosta meta nharaq materjal kombustibbli go tank tal-hadid biswit din il-bitha li wassal sabiex taru xi gamar ghal fuq dan it-truck. B'konsegwenza ta' dan, it-truck nhakem bin-nar u nqered ghal kollox.

**2.** Mir-rapport tal-pulizija datat 10 ta' Awwissu 2005 (a` fol 3 u 70) u mill-istqarrija a` fol 69 jirrizulta li n-nar kien tqabbad minn certu Anton Farrugia li dakinhar tal-incident kien qieghed jaghti "*daqqa t'id lil wiehed li ghandu*

*hanut cioe' mahzen tat-toys li l-kumpanija tieghu ggib l-isem ta' "Toyland" tal-Mosta*".

**3.** Permezz tar-rikors guramentat l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal hsarat kagonati fit-truck tal-attur per konsegwenza tal-hruq li tqabbad u tikkundannahom ihallsuh l-ammont ta' hsarat likwidati minn dina l-Qorti.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**4.** L-azzjoni odjerna ttentata mill-attur hi ghalhekk ibbazata fuq il-kuncett ta' culpa in eligendo, ossia vicarious liability taht l-artikolu 1037 tal-Kodici Civili li jipprovdi li "*Kull min għal xi xogħol jew servizz ieħor iqabbad persuna* ***mhux ta' ħila****, jew illi hu ma jkollux raġun jaħseb li hija ta' ħila, hu obbligat għall-ħsara illi dik il-persuna,* ***minħabba n-nuqqas ta' ħila tagħha****, tikkaġuna lil ħaddieħor fl-esekuzzjoni tax-xogħol jew servizz hawn fuq imsemmi*".

**5.** Dan l-artikolu huwa mfassal fuq il-principju li "*l-persuna li tinkariga persuna ohra li taghmel xi xoghol, tibqa' hija responsabbli wkoll jekk dik il-persuna li effettivament hadmet taht inkarigu taghha tkun ghamlet ix-xoghol b'negligenza u nuqqas ta' hila skont l-artikolu 1037 tal-Kapitolu 16. I lli fi kliem iehor japplika dak li gie ritenut fis-sentenza "Tabib Joseph R. Grech vs Kummissarju tal-Pulizija" (A.C. (HH) l-1 ta' Marzu 1988) fejn inghad li:* ***"kull***

***min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta' hila jew illi ma jkollux hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba nuqqas ta' hila taghmel dannu lill-haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz fuq imsemmi"** (**Marie Louise Bajada vs Therese Xuereb et**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 30 ta' Settembru 2015).*"

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**6.** Il-konvenuti jilqghu ghat-talba tal-attur billi jichdu r-responsabbilitá ghall-akkadut. Peter Zammit fl-affidavit tieghu a` fol 165 jghid li hu qatt ma qabbad in-nar u lanqas qal lil xi hadd biex iqabbad in-nar filwaqt li Nathan Mallia fl-affidavit tieghu a` fol 167 jghid li mhux hu qabbad in-nar izda anzi pprova jitfi n-nar b'perikolu ghal hajtu.

**7.** Fl-affidavits taghhom il-konvenuti Peter Zammit u Nathan Mallia sahqu li Anton Farrugia qatt ma kien impjegat jew jahdem mal-kumpanija konvenuta. Iz-zewg konvenuti jirreferu ghal Anton Farrugia bhala wiehed li jiffrekwenta regolarment l-Isptar Monte Karmeli u meta ma kienx ikun hemm kien joqghod idur mal-Mosta u jidhol ghand kull minn ma kienx ikeccih biex jghid kelma u gieli kien iqatta' ftit zmien l-istore tal-kumpanija konvenuta biex iderri. Fil-kontro-ezami tieghu a` fol 176 Nathan Mallia jghid li qatt ma qabbad lil Anton Farrugia jitfa' kartun jew iqabbad xi haga u jekk ghamel hekk ghamlu "purament minn jeddu".

**8.** Li Anton Farrugia ma kienx impjegat mas-socjetá konvenuta johrog ukoll mill-istqarrija ta' Anton Farrugia stess a` fol 69. Mill-istess stqarrija jirrizulta izda li ghalkemm ma kienx formalment impjegat mas-socjetá msemmija huwa kien imur biex jghin lil konvenut Nathan Mallia u jaghtih daqqa t'id. Dan johrog mit-twegiba tieghu meta mistoqsi jekk jahdimx fejn qal hekk:-

> "*Jien ma nahdimx biss pero kultant immur naghti xi daqqa t'id lil wiehed li ghandu hanut cioe' mahzen tat-toys li l-kumpanija tieghu ggib l-isem ta' "Toyland" tal-Mosta*".

**9.** Gie stabbilit li ghall-applikazzjoni tal-artikolu 1037 dak li jrid jigi kkontemplat huwa d-dipendenza tal-persuna bla hila fuq il-persuna li tqabbadha taghmel ix-xoghol u mhux jekk il-persuna mqabbda hijiex formalment impjegata ma' min iqabbadha taghmel ix-xoghol. Kif sahqet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza **Salvatore Attard pro et noe vs Gaetano Cuschieri et** datata 21 ta' April 1955, "***Id-disposizzjoni citata (art. 1080 (art. 1037) Kod. Civ tippresupponi u tikkontempla l-kaz ta' dipendenza tal-persuna inkapaci mill-persuna li tqabbadha taghmel ix-xoghol li minnu imbaghad tigi l-hsara***. *It-test Ingliz juza l-kelma "employs", u l-original Taljan tal-art. 743 tal-Ordinanza VII tal-1868 (art. 1037 Kod. Civ.) juza l-lokuzzjoni "impiega". Id-dottrina u l-gurisprudenza,*

*imbaghad, jikkontemplaw, bhala regola, il-kaz ta' "padroni" u "committenti", u b'hekk juru li, ghalbiex jigi applikat l-art. 1080 (art. 1037), jehtieg li jkun hemm id-dipendenza fuq enuncjata*";

**10.** Huwa evidenti li f'dawk id-drabi li kien jaghtih daqqa t'id, Anton Farrugia kien dipendenti fuq Nathan Mallia ghal dak kollu li dan tal-ahhar kien jidderigih biex jaghmel. Ghalhekk li jrid jigi stabbilit minn din il-Qorti huwa jekk Anton Farrugia qabbadx in-nar u haraqx il-materjal tas-socjetá konvenuta fuq inkarigu ta' Nathan Mallia jew ghamilx hekk minn jeddu.

**11.** Il-Qorti tinnota li filwaqt li Peter Zammit cahad li qabbad lil Anton Farrugia jitfa jew iqabbad materjal kombustibbli fl-affidavit stess, Nathan Mallia ma cahadx dan fl-affidavit izda biss fil-kontro-ezami tieghu (ara fol 176 u 178) meta mistoqsi direttament. Mill-kontro-ezami ta' Peter Zammit u Nathan Mallia jirrizulta wkoll li r-rimi u hruq ta' skart go dan it-tank kienet prassi ta' "kullhadd" inkluz tal-kumpanija intimata (ara fol 171) tant li l-konvenut Nathan Mallia stqarr li gieli haraq hu stess (ara fol 178). Il-Qorti tqis ukoll l-affidavit ta' Mario Gauci, proprjetarju ta' garage biswit l-ghalqa fejn kien qed jinzamm it-truck mertu ta' din l-azzjoni (a` fol 102) fejn jghid li kien ilu javza lill-"haddiema li kellhom x'jaqsmu mal-hanut tat-Toyland ... ... biex ma jaharqux fejn il-garage tieghi".

**12.** Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija konvinta li ma jistax ikun li Anton Farrugia rema jew qabbad it-tank biex rema materjal tas-socjetá konvenuta minn jeddu izda seta' biss ghamel dan fuq inkarigu tal-konvenut Nathan Mallia. Il-Qorti ssahhah din il-fehma fuq il-fatt li Anton Farrugia fl-istqarrija tieghu jirreferi ghal Nathan Mallia bhala l-"imghallem" kif ukoll ghall-fatt li l-konvenut Nathan Mallia hallas ghall-hsarat li sofra Mario Gauci konsegwenza tan-nirien liema hlas jimplika ammissjoni ta' htija.

**13.** L-argument li gab Nathan Mallia li huwa hallas ghall-hsarat li sofra Mario Gauci sforz kemm kien taht xokk u mwerwer bin-nar li kien infirex kif ukoll ghax bdew jaghtu t-tort lilu ma ma ddghajjifx il-konvinzjoni tal-Qorti li l-konvenut Nathan Mallia inkariga lil Anton Farrugia biex jahraq il-materjal tas-socjetá konvenuta fit-tank in kwistjoni, anzi tissodaha. Tabilhaqq dak kollu li kien qed jigri madwaru seta biss jaffettwah b'tali mod li jhossu responsabbli ghall-incident ghaliex huwa kien konsapevoli li kien tassew responsabbli, ta' l-inqas indirettament, ghall-incident.

**14.** F'dan l-istadju irid qabel xejn jigi stabbilit minn min mit-tlett konvenuti ghandu jwiegeb ghat-talbiet attrici, jekk hux kollha, uhud minnhom jew wiehed minnhom. F'dan ir-rigward il-Qorti hadet kont tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (a` fol 14). Fl-eccezzonijiet taghhom il-konvenuti hadd minnhom ma jipprova jisposta r-reponsabbilita` ta' dak li gara fuq xi wiehed minnhom. Ghalhekk din il-Qorti ser ikollha tasal ghall-konkluzjonijiet taghha hi.

**15.** Mill-assjem tal-provi jidher li kien il-konvenut Nathan Mallia fil-kapacita` personali tieghu, li dejjem indahal mal-imsemmi Anton Farrugia. Kien hemm speci ta' hbiberija bejniethom u peress li l-imsemmi Anton Farrugia kellu kundizzjoni mentali, dan kien jiffrekwenta lill-konvenut Nathan Mallia biex iderri xi ftit. Di fatti kif intqal aktar 'l fuq, dan Anton Farrugia jirreferi ghal Nathan Mallia bhala l-imghallem (ara fol 69) u l-anqas huwa car li jekk dak li kien jaghmel Anton Farrugia kienx jithallas ghalih.

**16.** Aktar minn hekk tul il-kawza, l-istess Nathan Mallia dejjem xehed b'mod li ta x'jifhem li dak kollu li ghadda bejnu u bejn l-imsemmi Anton Farrugia ma kienx fuq livell korporattiv izda pjuttost kienet hbiberija personali. Dejjem xehed b'mod li jinftiehem li dak kollu li ghamel kien fil-kapacita` personali tieghu inkwantu jirrigwarda l-incident mertu tal-kawza. Dan huwa ukoll assodat mill-fatt li xi hsara li saret lil terzi ohrajn fil-vincinanzi ta' fejn sehh l-incident, ghamel tajjeb ghalihom hu (ara fol 103). F'ebda hin ma deffes lill-kumpanija Toyland Ltd jew lill-konvenut l-iehor Peter Zammit. Anzi dan tal-ahhar fl-affidavit tieghu insista li hu personalment ma kellu x'jaqsam xejn mal-incident inkwistjoni u l-anqas involva b'xi mod lis-socjeta' inkwistjoni. Anzi persistentement kull darba beda jirreferi ghall-konvenut Nathan Mallia ghall-informazzjoni ta' x'gara dak in-nhar tal-incident. Ghalhekk din il-Qorti ma qeghdha tara ebda ness, bejn il-konvenuti Peter Zammit u s-socjeta' inkwistjoni fir-rigward ta' kull struzzjonijiet li setghu

inghataw lill-imsemmi Anton Farrugia. Kwindi huwa Nathan Mallia li ghandu jwiegeb ghal dak li wettaq l-imsemmi Anton Farrugia.

**17.** Stabbilit li Anton Farrugia gie nkarigat mill-konvenut Nathan Mallia biex jahraq il-materjal tas-socjetá konvenuta, il-kwistjoni li jmiss tigi ventilata minn din il-Qorti hija kienx hemm culpa ineligendo, igifieri negligenza mill-konvenut Nathan Mallia f'li jqabbad lil Anton Farrugia biex jaghmel dan jew jekk il-hsara kawzata saritx sforz ta' l-inkompetenza ta' Anton Farrugia.

**18.** Gie rilevat li "L-*artikolu 1037 imsemmi pero ma jghidx li jkun responsabbli l-employer li jqabbad persuna mhux ta' hila u illi ma jkollux ragun jahseb li hija ta' hila izda jaghmel iz-zewg ipotesijiet alternattivi ghal xulxin billi juza l-kelma* ***jew*** *u mhux* ***u.*** *L-uzu tal-kelma* ***jew*** *wassal biex tul is-snin il-Qrati taghna jikkonkludu li ghall-fini ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu msemmi jkunu sufficjenti li jigi ppruvat jew li l-impjegat kien inkompetenti jew li l-employer ma kellux ragun jahseb li l-impjegat hu ta' hila. Fil-kawza* ***F. Borg vs T. Cooper Mudie noe (V 01. XXXVIII.II.58)*** *infatti gie deciz illi:-*

> " e, *pertanto alla stregua delle teste citata disposizione di legge, per stabbilire la responsabilita del convenuto nomine,* e' *necessario che risulti la incapacita della persona da lui impiegata, cioe' del soldato James Surues, nella qualita di giudicatore di autovetture, il quale* si *pretende* sia *stato la causa diretta del danno lamentato coll'atto* di *citazione,* o *almeno* e *necessario che risulti* di

*non aver il convenuto* nomine *avuto alcun ragionevole motivo per ritenerlo capace';*

*Issa jizdied ukoll li ghall-fini tal-prova ta' l-inkompetenza ta' l-impjegat il-Qrati taghna bhala regola rrikjedew prova ta' l-inkompetenza tieghu oggettivament u dan peress illi una volta ppruvata l-kompetenza tieghu oggettivament il-fatt li l-istess impjegat ikun negligenti f'kaz li jarreka Danni lil terzi mhux bilfors li jirrendi lill-employer responsabbli taht l-artikolu msemmi (**Ara f'dan ir-rigward A. Azzopardi vs G. Vaudrey sup. cit.**);*

*Il-kliem "mhux ta' hila" ossia "incompetente" gew definiti fis-sentenza in re **Gasan noe vs Vella noe (Vol.XVII.II.238)** bhala li jfissru "inidoneo od infedele" u fissentenza l-ohra sup. cit. in re Azzopardi vs Vaudrey noe bhala li jfissru "incapace od inidoneo';*

*Ghall-fini ta' l-alternattiva l-ohra pero, cioe' li l-employer qabbad persuna li ma kellux ragun jahseb li hija ta' hila lkriterju uzat biex tigi stabbilita l-kompetenza o meno ta' l-impjegat hu wiehed soggettiv u jirrisolvi ruhu fid-domanda jekk l-"employer" kellux ragunijiet bizzejjed biex jikkonsidra l-impjegat li jkun bhala kompetenti (**ara G. Maistre pro et noe vs D. Testaferrata Bonnici Axiak et Vol. XXI.I.361**);"* (**Kenneth Muscat vs PC1179 Dominic Muscat et**, Tribunal ghal Talbiet Zghar, 12 ta Dicembru 2002).

Huwa car li f'dan il-kaz dawn iz-zewg elementi alternattivi jissussistu t-tnejn.

**19.** Fl-istqarrija tieghu a` fol 69 Anton Farrugia wiegeb ghal mistoqsija tal-Ispettur Paul Bond jekk qabbadx xi nar fl-istess tank drabijiet ohra billi qal "*Le dik kienet l-ewwel darba*" u meta mistoqsi jekk marx jarmi xi kartun u injam waqt li kien qieghed jaghti daqqa t'id fil-mahzen tal-kumpanija Toyland Anton Farrugia wiegeb dan li gej:-

> "*Iva jien mort armejt bieb imkisser ta' flash door kif ukoll xi kartun. Jien tfajthom go dan it-tank u dak il-hin li tfajthom rajt xi gamar jaqbad. Ghalkemm jien rajt dan il-gamar fil-qiegh tat-tank jien xorta wahda tfajt l-injam u l-kartun go fih. Wara jien ergajt mort il-mahzen u f'hin minnhom rajt in-nar izid u ma ghogobni xejn. Jien bdejt nghajjat ghal* Nathan Mallia *li hu l-imghallem u jien u hu nzilna nigru bl-extinguishers u ppruvajnta nitfu dan in-nar biss pero ma rnexxilniex.*"

**20.** Ghaldaqstant li t-truck inharaq frott l-inkompetenza ta' Anton Farrugia jirrizulta oggettivament car meta, kif johrog mill-istqarrija tieghu stess, xorta wahda baqa' jitfa l-injam u l-kartun allavolja ra l-gamar jaqbad fil-qiegh tat-tank bil-konsegwenza li n-nar zdied u nfirex. Ladabra kien hemm diga` l-gamar jaqbad fil-qiegh tat-tank, kien facli li wiehed jipprevedi li jekk jintefa aktar injam u kartun il-probabiltá li n-nar jinfirex kienet se tizdied gmiela bhal ma gara.

**21.** Illi fid-dawl ta' dan kollu huwa manifestament car, li l-imsemmi Anton Farrugia, li qatt ma gie kjamat fil-kawza minn min seta' kellu interess,

principlament il-konvenut, ma weriex dik id-diligenza, prudenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja rikjesti mill-artikolu 1032 u kif ukoll ta' dak li jiddisponi l-artikolu 1038 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk ghall-hsara kkawzata minn Anton Farrugia, fid-dawl ta' dak konstatat aktar 'l fuq, in virtu' tal-artikolu 1037, irid iwiegeb il-konvenut fil-kawza.

**22.** B'mod soggettiv il-Qorti tqis li gialadarba l-konvenut Nathan Mallia kien jaf li Anton Farrugia kien jiffrekwenta l-Isptar Monte Karmeli regolarment huwa seta jikkonkludi li ma kienx bniedem li jista' jigi afdat wahdu biex jahraq il-materjal specjalment meta jirrizulta mill-istqarrija ta' Anton Farrugia li ghalih kienet l-ewwel darba li qabbad in-nar biex jahraq il-materjal. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-konvenut Nathan Mallia naqas meta baghat lil Anton Farrugia jahraq il-materjal tas-socjetá konvenuta wahdu fic-cirkostanzi li kien fihom Anton Farrugia, iktar u iktar meta dan qatt ma kien haraq qabel.

**23.** Mehud in konsiderazzjoni l-artikolu 1037 tal-Kodici Civili flimkien mal-gurisprudenza kwotata u l-fatti tal-kaz odjern, il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut Nathan Mallia jahti ghad-danni kkawzati minn Anton Farrugia fuq it-truck in kwistjoni.

**24.** Il-Qorti tinnota li l-konvenut Nathan Mallia jiddefendi lilu nnifsu billi jitfa l-htija tat-tort tal-incident fuq "tan-Nonna Più" billi qal fil-kontro-ezami tieghu a` fol 178 li "*... … din kien jahraq l-ahhar go fiha tan-Nonna Piu, kellu BMW*

*hemm gew, lanqas biss tniffes jew xi haga, ghax it-tort tieghu, l-affarijiet li kien hemm mahzunin*".

**25.** Kif gie kemm il-darba ritenut, *"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza."*" (**Anthony Fenech nomine vs Paul Gauci**, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 21 ta' Frar 1994).

**26.** Il-Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza **Richard Fenech vs Rook Construction Limited** datata 3 ta' Ottubru 2003 bl-istess mod irrilevat li:-

> "*Lanqas ma jista' imbaghad jigi accettat illi l-konvenuti ghandhom jigu eskulpati ghas-semplici fatt li jaddebitaw htija fuq it-terz, li huma ghogobhom ma jsejhux fil-kawza;*
>
> *Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Victor Camilleri proprio et nomine et –vs- Nazzareno Cutajar et", Appell Civili, 9 ta' Dicembru 1968, "fl-assenza mill-kawza tat-terz mhux maghruf hu car fil-fehma tal-Qorti illi mhux possibbli li tigi stabbilita, b'ebda mod vinkolanti jew sigur, il-parti tar-responsabilita` tieghu, jekk kien hemm, u ghandu jkun applikat l-Artikolu 1093 (illum Artikolu 1050) tal-Kodici Civili.*"

**27.** Applikat dan l-insenjament isegwi li jekk il-konvenut Nathan Mallia ried jitfa' xi parti mit-tort fuq din il-persuna "tan-Nonna Più", kellu jitlob il-kjamat fil-kawza tieghu. Ladarba dan ma sarx din il-persuna baqghet *terzo ignoto* u ghalhekk ebda parti mir-responsabbilitá ma tista' tintefa' fuqha (ara wkoll **Emanuel Zammit noe s Charles Polidano pro et noe**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Jannar 2014).

**28.** Il-Qorti issa sejra titratta l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti a` fol 119 ossia li l-attur Charles Camilleri mhux il-legittimu kontradittur biex jintavola l-proceduri odjerni ghaliex m'huwiex is-sid tat-truck mertu tal-kawza billi t-truck imsemmi ma huwiex registrat f'ismu.

**29.** Fuq din il-kwistjoni din il-Qorti ssib konfort fis-sentenza **Geranzio Azzopardi vs Carmelo u Maria konjugi Bezzina** datat 29 ta' Novembru 2013 fejn il-Qorti tal-Appell ampjament trattat eccezzjoni f'dan is-sens billi rriteniet dan li gej:-

> "*Tajjeb li jigi nnottat li t-trasferimenti tal-vettura f'dan il-kaz sehhew wara l-1993. Fil-fatt jirrizulta li sal-15 ta' Gunju 2009, il-vettura inkwistjoni kienet registrata f'isem is-socjeta` Waste Care Enterprises Ltd, u l-ahhar licenzja li thallset kienet valida sat-30 ta' Novembru 2002. Issemmiet is-sena 1993, peress sa dak iz-zmien kull bejgh ta' vettura kellu, biex jitqies validu, jirrizulta bil-miktub u dan ad solemnitatem, kif osservat din il-Qorti fil-kawza Falzon v. Tanti, deciza fis-7 ta' Dicembru 1956. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, filkawza*

*Camilleri et v. Attard, deciza fil-15 ta' Lulju 2010, qalet hekk fuq dak ir-rekwizit (tal-kitba): "Illi għalkemm illum il-ġurnata l-liġi m'għadhiex tisħaq għall-formalita' tal-kitba bħala element essenzjali u ad validitatem ta' vettura bil-mutur, fiż-żmien li sar in-negozju bejn l-attur u l-imħarrek dan l-element kien meħtieġ. U hekk ukoll kienet għadha l-liġi meta l-attur radd lura lvettura lill-imħarrek. Sakemm tneħħiet il-liġi partikolari fl-1993 (il-Kap 68 tal-Liġijiet ta' Malta), trasferiment ta' vettura bil-mutur li ma jkunx sar bil-miktub kien jitqies bħala negozju, mhux biss null, imma saħansitra wieħed ineżistenti għal kollox. Ftehim bħal dak ma kien joħloq l-ebda titolu f'min jieħu f'idejh vettura b'dak il-mod. Il-fatti kollha f'din il-kawża seħħew qabel l-1993."*

*F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-allegati transfers sehhew qabel l-1993, tant li l-istess konvenut jaqbel li l-vettura kienet tas-socjeta` msemmija "sa min-nhar it-2 ta' Ottubru 1997"; f'dan il-kaz kollox sehh wara din id-data.*

***<u>La darba, meta saru t-transfers inkwistjoni, ma kinitx aktar mehtiega kitba, vettura, bhala haga mobbli, setghet tigi trasferita anke bi ftehim bil-fomm. Kwindi t-transfers li saru bil-fomm bejn Waste Care Enterprises Ltd, Guzi Zammit u l-attur ghandhom jitqiesu validi u li wasslu ghat trasferiment effettiv u reali tal-vettura lix-xerrej, anke fin-nuqqas ta' registrazzjoni ta' dawk it-transfers.</u>***

*Kif jiddisponi l-Artikolu 26 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta), jekk vettura tinbiegh u dak li jkun ma jaghtix avviz lill-awtorita` kompetenti ta' dak il-bejgh jew trasferiment, il-persuna li fuqha kienet*

*registrata l-vettura, ghad li jkun sar dak il-bejgh jew trasferiment, "tibqa' soggetta ghaddispozizzjonijiet ta' din l-ordinanza bhala sid jew wiehed mis-sidien tal-vettura". In-nuqqas ta' registrazzjoni ma jfissirx li l-proprjeta` fil-vettura ma tkunx ghaddiet, izda biss izomm lill-persuna li fuqha kienet l-ahhar registrata l-vettura responsabbli ghad-disposizzjonijiet ta' dik il-ligi: izda mhux ghal aktar minn hekk. Fil-fatt, fil-kawza Micallef v. Mamo et deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Marzu 2010, intqal:*

*"Dik tal-attur hija azzjoni ghal danni naxxenti minn culpa aquiliana. Apparti l-prova tal-htija, dak li jispetta lill-attur hija l-prova li kien hu li garrab id-danni. Mill-provi rrizulta li fl-14 ta' April 1989 (data tal-incident) il-vettura misjuqa mill-attur kienet effettivament tieghu, mhux ta' haddiehor, ghalkemm ma kienx ghadu sar it-transfer tal-vettura f'ismu.* ***Il-fatt li t-transfer tal-vettura ma kienx ghadu sar ma ghandux ifisser li l-attur ma kienx is-sid tal-vettura u allura jeskludi lill-attur mid-dritt li jitlob risarciment ta' Danni kontra l-awtur tal-fatt kolpuz. Dment li l-attur ipprova li kien hu ad eskluzjoni ta' haddiehor li garrab id-danni allura l-azzjoni tieghu tista' tipprocedi u ghaldaqstant ghandu locus standi f'din il-kawza. Li kieku d-difiza tal-konvenuti kellha tkun accettata, ikun ifisser li azzjoni ghal risarciment ta' danni tista' titressaq biss mir-registered owner tal-vettura, meta ikun jirrizulta li dan m'ghandux aktar interess fil-vettura ghax ikun iddispona minnha u allura ma jkunx garrab danni. Dan pero' mhux il-kaz, propju ghaliex l-azzjoni ghal danni ma ghandha x'taqsam xejn mal-kwistjoni l-ohra dwar jekk min ibiegh u min jixtri vettura jkunux irregistraw it-***

***transfer of ownership tal-vettura mal-awtoritajiet kompetenti. Jekk ma jsirx ittransfer, il-bejjiegh u x-xerrej ikunu kisru l-Motor Vehicle Regulations u jkunu passibbli ta' proceduri apposite kontrihom ghaliex l-iskop tar-regolamenti huwa li jassiguraw li f'kull mument ikun hemm persuna ben identifikata li tkun responsabbli ghall-vettura registrata mal-awtoritajiet kompetenti biex tirrispondi skond il-ligi ghal dak li jigri bl-uzu tal-vettura. Ir-registrazzjoni u llicenzja jistghu jkunu elementi ta' prova biex jigi determinat min huwa l-propjetarju ta' vettura pero' mhumiex prova esklussiva. Il-kwistjoni tat-transfer thalli mpregudikat id-dritt ta' azzjoni ghal danni spettanti lil min effettivament ikun garrabhom.***"

*It-transfer of ownership ta' vettura jista' jsir bi kwalunkwe mezz validu fil-ligi, u jekk, ghall-fini ta' dan il-kaz, jirrizulta li l-vettura inkwistjoni kienet tal-attur, allura huwa seta' validament jghaddi t-titolu ta' proprjeta` fuq l-istess lill-konvenut.*

***F'dan il-kaz, jista' jinghad li ma saritx prova tat-trasferimenti tal-vettura li sehhew wara l-1997. Dan jista' jkun minnu, pero`, la l-vettura kienet fil-pussess tal-attur, il-presunzjoni hi li dik hi tieghu, salv il-prova kuntrarja, li ma saritx f'dan il-kaz. L-Artikolu 525 tal-Kodici Civili jghid li l-prezunzjoni hija dejjem li kull persuna tipposjedi ghaliha nfisha 'u b'titolu ta' proprjeta`', sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju. Isegwi li ma kinitx korretta l-ewwel Qorti meta qalet li l-attur kellu jipprova li l-vettura ghaddiet ghall-idejh validament; la kellu l-pussess taghha, il-presunzjoni***

***hi li dik il-vettura kien jipposjediha b'titolu ta' proprjeta`, u la ma saritx prova kuntrarja, il-vettura ghandha titqies li kienet tieghu u li allura seta' jbiegha, kif ghamel, lill-konvenut bil-kitba tat-18 ta' Marzu 2003***.

*Dak li ghadu kif inghad jinsab konfermat f'sentenza li tat il-Qorti t'Ghawdex, Gurisdizzjoni Superjuri, fil-kawza Cassar v. Camilleri et deciza fl-24 ta' Lulju 2009 u dan fis-sens li gej:*

*"Skond l-Artikolu 525 tal-Kodici Civili, il-presunzjoni hi li "... kull persuna tippossjedi ghaliha nfisha, u b'titolu ta' proprjeta, meta ma jigix ippruvat li hija bdiet tippossjedi f'isem ta' persuna ohra.". Hu evidenti li l-ligi tippresupponi l-ezistenza tal-pussess u tipprezumi li kull wiehed jippossjedi ghalih innifsu u b'titolu ta' proprjeta'. F'dan ir-rigward il-gurista Pothier ighid: "Quantunque il possesso sia un fatto piuttosto che un diritto, tuttavia esso da' al possessore taluni diritti e azioni in rapporto alla cosa che egli possiede. Questi diritti risultano da una presunzione stabilita in favore del possessore che lo fa reputare proprietario della cosa che egli possiede, fino a che essa non e' reclamata dal proprietario, e anche a riguardo del vero proprietario che la reclamasse prima di avere giustificato il suo diritto*." (emfazi u sottolinear ta' din il-Qorti).

**30.** Fix-xhieda tieghu a` fol 127 Carmel sive Nenu Ellul jispjega li t-truck in kwistjoni kien tah lill-attur bhala hlas ghad-dejn li l-istess Nenu Ellul kellu mal-attur. Nenu Ellul spjega li dan it-trasferiment sar meta spicca l-progett tal-freeport, bejn wiehed u iehor "*Late 90's qed nitkellmu, fin-98 konna*

*ghadna qed nahdmu l-freeport, terminal 2, niccekja ezatt meta spicca il-progett*" (ara fol 137).

**31.** Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi li l-ftehim tal-bejgh tat-truck in kwistjoni indubjament sar wara 1993 jigifieri fi zmien meta l-ligi partikolari li kienet tezigi li ftehim ta' trasferiment ta' vettura isir bil-miktub kienet tnehhiet. B'applikazzjoni ghal dak osservat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza appena citata, isegwi li la darba t-truck gie trasferit lill-attur fi zmien meta ma kinitx aktar mehtiega kibta, il-ftehim ta' trasferiment li sar bil-fomm bejn Nenu Ellul u l-attur ghandu jitqies validu u li wassal ghat-trasferiment effettiv u reali tal-vettura lill-attur, indipendentement mill-fatt li t-*transfer of ownerhsip* tat-truck ma giex registrat mal-awtoritajiet kompetenti.

**32.** Huwa minnu li ma saritx prova tat-trasferiment tat-truck in kwistjoni, però kif sostniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza msemmija, la l-vettura kienet fil-pussess tal-attur tiskatta l-presunzjoni *iuris tantum* ai termini tal-artikolu 525 tal-Kodici Civili li l-attur kien jippossjedi t-truck b'titolu ta' proprjetá. La ma saritx prova sodisfacenti li teghleb din il-presunzjoni li jgawdi l-attur, it-truck ghandu jitqies li kien tieghu u li allura l-attur ghandu *locus standi* biex jipprocedi bl-azzjoni odjerna stitwita minnu.

**Likwidazzjoni Danni**

**33.** Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-artikolu 1045 tal-Kodici Civili li taqsam id-danni f'zewg aspetti: id-danni attwali (damnum emergens) u t-telf ta' qliegh futur (lucrum cessans). Is-somma tad-danni hi rimessa ghall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-ligi permezz tas-sub-inciz 2 tal-imsemmi artikoli 1045 tal-Kodici Civili.

**34.** Fir-rigward ta' damnum emergens, il-Qorti tinnota li l-attur ma pprezenta xejn biex jikkorabora id-deskrizzjoni u s-sena tal-manifattura li ta lit-truck fix-xhieda tieghu. Lanqas ma ssostanzja l-valur ta' LM7,500 li fix-xhieda tieghu a` fol 46 qal li kien jiswa t-truck fil-mument meta sehh l-incident. Min-naha l-ohra l-konvenuti lanqas ma ttentaw jikkontestaw is-somma reklamata b'xi provi oggettivi u stimi ta' persuni teknici rigwardanti il-valur tat-truck fl-10 ta' Awwissu 2005.

**35.** Il-konvenuti minflok laqghu ghall-pretensjoni tal-attur billi jargumentaw li dak inhar tal-incident it-truck kien *scrapped* tant li, kif anke konfermat mill-attur fix-xhieda tieghu a` fol 142, it-truck in kwistjoni ma kellux pjanci u qatt ma gie uzat mill-attur anzi addirittura la qatt startjah, la qatt dar bih u lanqas qatt ghattih izda minn mindu akkwistah, l-attur "abbandunah" fl-ghalqa u baqa' hemm sakemm fl-10 ta' Awwisu 2005 gie meqrud bl-incendju li hakem l-ghalqa (ara fol 31).

**36.** Biex isostnu l-punt taghhom l-intimati prezentaw Dok CE1 a` fol 123 fejn hemm inkluzi dettalji rigwardanti Truck Astra Tipper f'isem Nenu Ellul u hemm imnizzel ukoll li dan it-truck gie *scrapped* fit-22 ta' Lulju 2004. Il-veracita` ta' dan id-dokument ma gietx konfermata ghaliex l-intimat Nathan Mallia ma kienx propens li jizvela min fornih bl-istess. Biss id-dettalji kontenuti f'dan id-dokument inkluz id-data tal-iscrap gew konfermati minn Brian Farrugia prodott mill-konvenuti in rapprezentanza tal-Awtoritá ghat-Trasport f'Malta fix-xhieda tieghu a` fol 152.

**37.** Min-naha l-ohra l-attur fix-xhieda tieghu a` fol 22 jinsisti li t-truck ma kienx *scrapped* izda kien iggaraxxjat fl-ghalqa. Jghid li hu kien juza t-truck meta kien jahdem mal-Elbros Construction Limited sakemm beda jbati b'dahru u ma setax jahdem bih izjed. Jghid li kien ghalhekk li ggaraxxjah fl-ghalqa wara li, lejn l-ahhar tas-snin disghajn, akkwistah ghal prezz ta' LM9,500 minghand Nenu Ellul li huwa proprjetarju tal-kumpanija imsemmija. Jghid li minn mindu beda jbati b'dahru sab xoghol bhala xufier. Jghid li però kieku ried juzah kien jista' jizbghu u jaghmillu l-*batteries* u jahdem (ara fol 27). L-attur jghid ukoll li wara l-incident l-uniku haga li t-truck kien baqaghlu tajba kienet il-kaxxa. Jghid li fil-fatt it-truck hadu ghand wiehed li offrielu LM1,500 ekwivalenti ghal €3,494 biex jiehu l-kaxxa tieghu.

**38.** Il-Qorti tara li kien fl-interess tal-attur li jipproduci dawk id-dokumenti rigwardanti d-dettalji tat-truck li Nenu Ellul fix-xhieda tieghu obbliga ruhu li

jfittex sabiex jiccara l-kwistjoni jekk Dok CE1 jirriferix ghat-truck mertu tal-kawza jew ghal xi truck iehor. Ix-xhieda tal-attur biss certament ma hijiex bizzejjed u l-atteggjament tal-attur li anke jirrifjuta li jgib *surveyor* ghax skont hu ‘m’ghandux ghalfejn’ (ara fol 47 u 48) ma jirriflettix ir-rieda ta’ persuna li tfittex li tigi kkumpensata ghal dak li tilfet b’valur gust u reali u certament ma jaspirax lil din il-Qorti sabiex sempliciment tistrieh fuq dak li qed jippretendi l-attur.

**39.** Ghaldaqstant il-Qorti fil-likwidazzjoni minnha tad-danni sejra tistrieh fuq id-dettalji tat-truck moghtija f’Dok CE 1 prezentata mil-konvenuti a` fol 123 u, fin-nuqqas ta’ dokumenti ohra li juru mod iehor, sejra tqishom bhala d-dettalji proprja tat-truck mertu tal-kawza odjerna.

**40.** Skont id-dokument imsemmi, it-truck in kwistjoni gie *scrapped* fit-22 ta’ Lulju 2004 u cioe` ftit iktar min sena qabel l-incident u ghalhekk id-danni li sofra l-attur jammontaw biss ghall-i*scrap value* tat-truck u xejn izjed.

**41.** Gie ritenut li “*fin-nuqqas ta’ mezzi probatorji ta’ l-ammont tad-danni dan l-ammont jiġi ffissat ex aequo et bono mill-ġudikant skont id-dettami tar-raġuni u tal-kuxjenza tiegħu meta jiġi msejjaħ biex jistabilixxi l-kwantitativ tad-danni*” (**Neg. Edgar Laferla *nomine* –*vs* – Neg. Antonio Cachia *proprio et nomine***, Qori tal-Kummerċ. 6 ta’ Gunju 1951).

**42.** Din il-Qorti sejra għalhekk, fin-nuqqas ta' stima jew rapport ta' espert tekniku li jidentifika x'inhu l-i*scrap value* tat-truck mertu tal-kawza, bl-uniku gwida vaga li kellha kienu l-ispecifikazzjonijiet moghtija fid-dokument a` fol 123, qeghdha ghalhekk tillikwida l-valur tal-istess ex equo et bono fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500). Il-qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-attur, kif iddikjara huwa stess, diga` biegh il-kaxxa tat-truck inkwistjoni ghall-valur ta' elf u hames mitt liri antiki (Lm 1500). Dan qieghed jinghad fid-dawl ta' dak li xehed l-attur stess (a` fol 28). F'dan l-istadju il-Qorti trid taghmilha cara, li ammonti rappresentanti danni riklamati, li ma jkunux assodati minn dokumenti cari jew opinjoni ta' esperti, ma jistghux ikunu accettati minnha b'ghamad. Min jitlob id-danni ma jistax jimbarka fuq avventura ta' peskagg, izda ghandu jkollu provi cari u inkonfutabbli dwar id-danni li jghid li sofra.

**43.** Fir-rigward ta' lucrum cessans il-Qorti tqis li dawn ma jissussistux peress li ma hemm l-ebda prova, l-anqas minima, li l-attur, in kwantu jirrigwarda dan it-truck, ghamel telf ta' qliegh futur b'konsegwenza tal-hsara subita.

**Decide**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

Fil-waqt li qeghdha **tillibera** mill-osservanza tal-gudizzju lill-konvenuti Peter Zammit u Toyland Ltd, qed **tilqa'** l-ewwel t-talba attrici u ghalhekk tiddikjara lill-konvenut Nathan Mallia huwa unikament responsabbli ghall-hsarat kagonati fit-truck tal-attur per konsegwenza tal-hruq li tqabbad.

**Tilqa'** it-tieni talba attrici u tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500).

**Tilqa'** konsegwentement, it-tielet talba attrici u tikkundanna lill-imsemmi Nathan Mallia jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' tlett elef u hames mitt ewro (€3,500) bl-imghaxijiet legali minn din id-decizjoni sal-pagament effettiv.

**Spejjez** a` karigu tal-konvenut Nathan Mallia hlief ghal dawk tal-konvenuti l-ohrajn li ghandhom ikunu nofs bin-nofs.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**